# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

17 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis- 1.36pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 16

16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 15;
16.3 Kumunikazzjoni mis-Sindku;
16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
16.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
16.6 Attivitajiet
16.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
16.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
16.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 15

16.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.15 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 16.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li ġew il-ħaddiema jneħħu l-periklu li kien hemm marbuta mas-siġra l-kbira Kien hemm anki nies mir-raħal li ġabru biċċa zokk tas-siġra bħal tifkira. Skond Mons Lawrenz Sciberras, din is-siġra għandha l-fuq minn mija u ħamsin (150) sena. Is-sindku kkonferma, li ġie nfurmat li z-zokk tas-siġra mhux tajjeb biex isir opra ta' skultura minnu kif esprimiet ix-xewqa il-kunsillera Cassar Sultana. Ta' min isemmi wkoll, li s-siġra ġiet milquta minn sajjetta riċentement. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li ma tinqalax mill-qiegħ, imma jħallu zokk fejn jistew jitpoġġew tipi ta' pjanti bil-fjuri jixxebilku l-isfel. Is-sindku kkonferma li l-ewwel ħsieb huwa li titħawwel siġra oħra minflokha, pero', kien hemm pariri li ma titħawwilx siġra oħra kbira, peress li tista' tagħmel ħsara bl-għeruq tagħha lill-bini tal-madwar. Meta kien qed isiru xogħlijiet marbuta mal-proġett tal-pjazza, kien sar is-*service culvert* b'tali mod li ma jmissux l-għeruq tas-siġra. Hawnhekk instab li l-għeruq tas-siġra kienu kollha l-isfel lejn iċ-ċimiterju. Il-kunsill irid jieħu l-opinjoni tal-botanista, pero', fl-opinjoni tas-sindku, jridu jinqelew kemm jista' jkun għeruq, u titneħħa l-ħamrija li hemm fil-konka. Xħin titnaddaf il-konka, isir sodda tal-konkos u tintefa ħamrija ġdida biex tkun tista' titħawwel siġra oħra. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet, li jkellmu lill-kuntrattur li għandu t-tender tar-roundabouts u central strips, biex jitħawwlu pjanti staġonali.

16.3.2 Rigward il-qasam ta' Sannat, is-sindku kien infurmat li l-ġimgħa l-oħra kellha tingħata l-ewwel kisja tarmac, imma għal xi raġuni dan ix-xogħol ma sarx. Din il-ġimgħa wkoll, is-sindku kellu komunikazzjoni mal-kuntrattur li ser jingħata t-tarmac, pero', s'issa dan għadu ma sarx. Il-kunsillier Bajada qal, li kellmitu persuna partikulari biex joqogħdu attenti bejn il-parti li diġa ingħatat it-tarmac u l-parti l-oħra li ser tingħata t-tarmac issa, biex jimlew

dawk iż-żewġ sinjali li tqattew u jiġu patched sewwa bit-tarmac biex ma jkunx hemm ħsara bl-ilma tax-xita. Is-sindku fakkar, li bħala kunsill mhumiex direttament responsabbli mill-proġett, pero', zgur li ser ikellem lill-kuntrattur. Apparti minnhekk, is-sindku ġibed l-attenzjoni, li meta saru x-xogħlijiet marbuta mar-riġenerazzjoni tal-pjazza, saret trinka fejn il-gate ta' l-iskola, faċċata tal-grawnd ta' Sannat u din ma ġietx patched bit-tarmac. Għaldaqstant, l-amministrazzjoni ta' l-iskola daħlet ilment li l-vannijiet ta' l-iskola qed isibu diffikulta biex jitelew ir-rampa, peress li l-lifter qed imiss ma' l-art minħabba id-diżlivell. Għalhekk, is-sindku nforma lill-kuntrattur, li xħin se jingħata t-tarmac, iqaxxru din l-imsemmija trinka u jagħtuha t-tarmac.

16.3.3 Fuq Triq Tempju ta' l-Imramma, ix-xogħlijiet tas-servizzi ġew kompluti. Il-kunsill rċieva ħafna lmenti minn residenti, minħabba nkonvenjent li nħoloq biex jagħqdu s-servizzi ma Triq Bequnaq. Is-sindku rrimarka, li wara bosta komunikazzjoni mal-kuntrattur li hu responsabbli mill-proġett, il-gandott li minnu għaddew is-servizzi ġie magħluq, peress li dam ħafna ġranet mikxuf u kien ta' periklu. Eventwalment, issa jridu jaraw meta ser isir l-asfaltar tat-triq, biex finalment jerġew jinfetħu d-diskussjonijiet fuq it-traffic management plan. Il-kunsill irid jidentifika ġurnata fejn ser ikun hemm invit għal diskussjoni miftuħa mar-residenti, fejn jistgħu jagħtu l-vizjoni tagħhom u anki jipproponu suġġerimenti mill-pjan propost. Is-sindku saħaq, li mportanti li jkun hemm konkorrenza qawwija minn naħa tar-residenti, u jħeġġu n-nies biex jikkontribwixxu f'din id-diskussjoni. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li jsir video qasir bħala appell lir-residenti biex jikkontribwixxu f'din il-konsultazzjoni. Is-sindku qal, li ser ikellem lill-perit, biex jagħtih data meta jkun disponibbli, liema data tiġi maqbula wkoll mal-kunsillieri biex imbagħad joħroġ l-avviż għar-residenti. Minn din il-konsultazzjoni, isiru suġġerimenti biex imbagħad jistew isiru t-tibdil meħtieġ u jiġu preżentati lill-Transport Malta għal-approvazzjoni.

16.3.4 Ser jibdew ix-xogħlijiet minn nofs it-triq in-Newwiela għal Triq Seguna, proġett tal-korporazzjoni ta' l-ilma. Il-kunsill ta' in-*no objection* biex isiru x-xogħlijiet bil-kundizzjoni li tingħata il-*full width* ta' t-triq kollha bit-tarmac. Il-kunsill ser joħroġ avviż lir-residenti, li ftit jiem oħra se jibdew ix-xogħlijiet fuq l-imsemmija proġett. Xħin jitlestew dawn ix-xogħlijiet, jibdew ix-xogħlijiet marbuta mas-servizzi fi Triq Dun Luqa, biex finalment ukoll isir il-wiċċ tat-triq bit-tarmac.

16.3.5 Is-sindku qal li sar is-*settling out* fi Triq Xamgħan, biex issa qed jistennew lill-kuntrattur biex jibdew ix-xogħlijiet ma' l-asfaltar tat-triq. Il-problema tibqa' meta ser jiġi l-kuntrattur, bil-kunsill qed jiffaċċja pressjoni kbira mingħand ir-residenti. It-tender ħarġu l-kunsill bil-fondi ġejjin mill-Ministeru għal Għawdex. F'dan l-istadju, bħala kunsill qed jistennew lill-kuntrattur biex jibda x-xogħlijiet. Xi residenti qed jissuġerixxu li t-triq tiġi miknusa, pero', l-kunsillieri qablu li din il-proposta mhiex vijabbli. Is-sindku semma li bħal xogħlijiet mhemmx xi xogħlijiet ta' barra minn hawn, titqaxxar it-triq, isiru l-*concrete gutters* u finalment l-ewwel kisja bl-asfaltar.

16.3.6 Is-sindku semma wkoll, li rigward il-proġett tal-kalkara tal-Ġir, se jkellem lill-perit biex jara kif se jitkompla x-xogħlijiet marbuta ma' dan ir-restawr. Il-perit ukoll irid jiddeċiedi jekk hemmx bżonn jerġew jiġu ta' l-SEH fuq il-post biex ix-xogħol jitkompla u jitlesta.

16.3.7 Rigward il-playing field ta' Triq Marziena, l-awtorita' ta' l-ippjanar talbet xi nformazzjoni relatati mal-proġett, peress li dawn ix-xogħlijiet saru minn fondi tad-DPF. Is-sindku saħaq, li l-perit huwa l-bniedem responsabbli mill-proġett, għal fatt li l-perit innifsu daħħal l-applikazzjoni ma' l-awtorita' ta' l-ippjanar skond ir-regoli stabilliti mill-istess awtorita'. Fil-fatt, illum is-sindku se jmur ikellem fuq dan il-proġett, fuq it-*Traffic Management Plan*, il-proġett tal-Belvedere ta' triq 28 t'April u Triq Skerla. Marbuta ma' Triq Skerla, iridu jiġu diskussi l-fatt li jrid jagħmlu *redesign* tat-triq peress li hemm żvilupp biex ikollhom aċċess għar-residenza rispettivi tagħhom kif dejjem kien maqbul f'laqgħat preċedenti tal-kunsill u hemm ukoll xi issues li jridu jiġu *tackled* mal-Lands Authority fir-rigward tal-linja.

## 16.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

16.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet minn naħa tal-kunsilliera.

## 16.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

16.5.1 Is-segretrarju eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera li bagħtitilhom il-*Quartely financial Report* mħejji mill-accountant tal-kunsill. Is-sindku saħaq, li bħala kunsillieri jħallu f'idejn l-accountant li hija l-persuna responsabbli u kompetenti biex tagħmel dan ix-xogħol.

16.5.2 Il-kunsill rċieva PQ marbuta max-xogħlijiet fi Triq Xamgħan. Il-kunsill bagħat it-tweġiba ta' din il-mistoqsija parlamentari.

16.5.3 Persuna li toqgħod fi Triq il-Kbira, qed titlob li jsir '*keep clear bay*' ta' 1.5m quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu. Il-kunsill irċieva ittra bit-talba għal l-approvazzjoni tal-*keep clear bay*, bil-kunsill irid jara ftit fuq il-post ta' l-address tal-persuna konċernat għala qed tintalab din it-talba.

16.5.4 14.14 il-laqgħa ġiet sospiża.

16.5.5 14.19 il-laqgħa tkompliet.

16.5.6 Is-sindku kompla fuq it-talba tar-resident fi Triq il-Kbira, fejn qal li għandhom jinfurmaw lit-Transport Malta, li hemmhekk trid isir bankina.

16.5.7 L-għaqda żgħażagħ Palmisti bagħtu l-invoice ta' elfejn u tmien mija u sitta u għoxrin ewro (€2826) marbuta ma' l-feature awdjoviżiv li sar fil-festa ta' Santa Margerita.

16.5.8 Is-segretarju eżekuttiv infurmat lill-kunsillieri li fuq ic-CCTV, ġiet estiza sa' l-aħħar ta' Diċembru. Il-kunsill issa jrid jaħdem biex jerġa joħroġ it-tender marbuta mas-CCTV.

## 16.6 Attivitajiet

16.6.1 Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Settembru se tittella l-aħħar attivita '*Friday Evenings*' quddiem il-każini fil-pjazza Santa Margerita, fejn kienu qed jiġu mistiedna kantanti u bands lokali biex jagħtu serata ta' spettaklu.

16.6.2 L-10 t'Ottubru, li din is-sena se taħbat il-Ġimgħa, bħal kull sena, il-kunsill ser ifakkar il-vittmi tal-gwerra fejn l-iskola l-qadima. Dakinhar ser tittella attivita biex tikkomemora dawn il-vittmi li ġew maqtula fil-gwerra. Għal din l-attivita, l-kunsill ser jitlob l-għajnuna finanzjarja mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjannar.

16.6.3 Il-kunsilliera Cassar Sultana qed tissuġerixxi li jsir *FunWalk* għat-tfal marbuta mal-Halloween. Dakinhar, it-tfal jistew jilbsu li jridu u jġibu affarijiet jew instrumenti differenti li jagħmlu storbju. L-attivita ser tiffoka fuq għan nobbli, billi t-tfal minflok ħelu ser jintalbu jġibu bottijiet tal-preserves, biex ikunu jistgħu jingħataw lill xi għaqda jew entita filantropika. Il-kunsilliera Cassar Sultana kompliet, li bħala parteċipazzjoni , it-tfal ser jingħataw *goody bag*. Il-kunsillier Bajada ser jiċċekja meta ser tittella' l-attivita fin-Nadur, biex ma' taħbatx fl-istess ġurnata.

16.6.4 Is-sindku semma li ġie mitlub mill-kap ta' l-iskola ta' Sannat biex tkun tista tingħata għajnuna fl-ewwel jum ta' l-iskola biex jinġabu karattri ta' cartoons li jħobbu t-tfal, peress li l-iskola ġiet magħżula biex jinġibed filmat ta' dan l-ewwel ġurnata ta' l-iskola. Is-sindku ssuġerixxa, li f'dan l-ewwel jum, il-kunsill iqassam sett ta' stationery lil kull tifel u tifla ta' l-iskola. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

16.6.5 L-attivita tal-World Children Day ser tittella' l-Ħadd tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru. Aktar dettalji ser jingħataw iktar il-quddiem.

16.6.6 Fis-sitta (6) u s-sebgħa (7) ta' Diċembru ser tittella l-attivita ' Christmas in the Square'. Is-Sibt sitta (6) ta' Diċembru ser ikun hemm parade mill-ħamsa (5) ta' filgħaxija l-quddiem, fejn wara se jkun hemm spettaklu ta' kant minn bands u korijiet waqt li jkun għaddej il-Christmas Market. L-għada l-Ħadd sebgħa (7) ta' Diċembru, l-Christmas market ser jiftaħ mill-għaxra ta' filgħodu l-quddiem, fejn se jkun hemm attivitajiet għat-tfal filgħodu,imbagħad wara nofsinhar ikompli l-ispettaklu biex filgħaxija jerġa' jkun hemm parade u l-attivita tingħalaq bis-sehem ta' xi kantanti u bands fil-pjazza. Is-sindku qara lill-kunsilliera d-deskrizzjoni li ser tintbagħat lir-residenti u li se tiġi mtella' fuq il-paġna soċjali tal-kunsill.

16.6.7 Is-segretarju eżekuttiv qalet li bil-għajnuna tar-reġjun t'Għawdex, fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru se jkun hemm esibizzjoni *memorabilia* ta' Santa Margerita.

## 16.7 **Ilmenti u Suġġerimenti.**

16.7.1 94/2025 – il-kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGP permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex isir patching fi Triq Saguna, peress li hemm ħafna ħofor perikolużi, speċjalment għal min ikun għaddej bil-mutur.

16.7.2 95/2025 – persuna ġibdet l-attenzjoni li l-bankini tal-pjazza Santa Margerita jiżolqu mmens. Din il-persuna ssuġġeriet, li jsir tape biex ma' jibqgħux jiżolqu speċjalment fil-kantunieri. Il-kunsill ser ikellem lill-perit fuq dan l-ilment u suġġeriment.

16.7.3 96/2025 – residenta ssuġġeriet li jsiru cigarette bins fejn ir-restaurants fil-pjazza. Is-sindku qal li dawn diġa qegħdin fuq il-post.

16.7.4 97/2025 – residenta li toqgħod fi Triq Dun Luqa talbet li tittieħed azzjoni rigward karozza mhiex reġistrata u oħra tqattar iż-żejt f'din it-triq. Il-kunsill kellem lill-pulizija tal-komunita' fejn karozza waħda diġa tneħħiet u l-oħra qed jippruvaw jikkuntatjaw lis-sid għax ma tistax tiġi towed.

16.7.5 98/2025 – Il-kap ta' l-iskola talbet biex tiġi rranġata r-rampa li għandhom in-naħa ta' wara ta' l-iskola, faċċata tal-playing field, minn fejn joħorġu l-vannijiet tal-unit. Din it-talba diġa ġiet diskussa waqt din il-laqgħa.

16.7.6 99/2025 – resident li joqgħod fi triq ta'Ċenċ talab li timtela toqba l-isfel mill-bankina tiegħu. Din it-talba ntbagħtet bis-sistema tal-works request system sabiex tkun tista' tiġi rranġata. Il-kunsill ser jiċċekja din saritx.

16.7.7 100/2025 – resident ilementa rigward loqom tas-sigaretti mormija fit-triq. Huwa kkuntatja personalment lit- *The Tobacco Surveillance Unit Authorities Malta,* fejn dawn qalulu sabiex jikkuntatja lill-awtoritajiet lokali. Huwa qed jitlob li jsiru tabelli,bins u infurzar tal-liġi.

16.7.8 101/2025 – resident li joqgħod fi Triq ta'Ċenċ talab li jsir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Liema talba ntbagħtet bis-sistema tal-*Works Request System* sabiex tkun tista' isir.

16.7.9 102/2025 – residenta li toqgħod fi Triq ta'Ċenċ qed tilmenta li sid ta' blokka appartamenti kisser nofs il-bankina u ħalliha mkissra. Hija lmentat li din qeda ta' periklu għal min ikun miexi. Is-sindku qal, li bħala kunsill tawh ultimatum biex dan is-sid jirranġa din il-bankina.

16.7.10 103/2025 – resident li joqgħod fi Triq Dun Luqa talab li jsir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Din it-talba ntbagħtet bis-sistema tal-*Works Request System* sabiex tkun tista' jsir.

16.7.11 Is-segretarju eżekuttiv qalet li daħlu lmenti riġward l-iskart. Is-sindku semma fost l-oħrajn, li n-naħa ta' wara ta' Triq Xamgħan, il-kunsill kien bagħat lill-ħaddiema biex inaddfu dawn l-akkwati, pero', ftit sigħat wara, persuni reġgħu tefgħu skart illegali. Fil-fatt daħal rapport mingħand l-ERA fuq dan l-iskart ta' kostruzzjoni, bil-kunsill iwieġeb li diġa kienu naddfu u ser jerġew imorru l-ħaddiema ineħħu dan l-iskart.

16.7.12 Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet, li fejn sar il-ħajt fi triq Mġarr ix-Xini ħallew xi kantuni tal-ġebel. Is-sindku qal li diġa nforma lill-ħaddiema biex dawn jitneħħew.

16.7.13 Il-kunsilliera Cassar Sultana lmentat li hemm il-bins taż-żibel bejn il-bankijiet u qed ikun ta' inkonvenjent għal min irid ipoġġi bilqiegħda. Is-sindku qal, li sfortunatament, qed ikun hemm xi persuni li qed jitfgħu skart organiku f'dawn il-bins, bil-konsegwenza li jkun hemm riħa tinten. Il-kunsill jirċievi ħafna lmenti mingħand residenti fuq żibel li jinħareġ barra, mhux fil-ħin u l-ġurnata li suppost jinġabar. Pero', il-kunsill m'għandux kontroll fuq dawn in-nuqqasijiet, minn naħa ta' xi ndividwi. Kompla billi qal, li persuna ddeċidiet li tagħmel bin fi Triq ta' Ċenċ, bil-konsegwenza li kulħadd qed jitfa' ġo fih. Is-sindku kkonferma li ħa' r-responsabilta' u neħħa dan il-bin li kien marbut b'katina ma' arblu.

16.7.14 Is-sindku semma li hemm is-siġra ta’ Triq Marsilja li għandha bżonn tinżabar, bil-viċi sindku jsemmi wkoll is-siġra li hemm qrib ir-residenza tiegħu.

16.7.15 Il-viċi sindku nforma lill-kunsillieri li ġab il-kwotazzjonijiet marbuta mas-sound u d-dawl tas-sala ta’ l-iskola. Dawn il-kwotazzjonjiet, issa jiġu evalwati u jaraw liema waħda hi l-aktar vantaġġjuża. Eventwalment, imbagħad il-kunsill japplika għal-fondi tad-DPF għal-fondi biex ikopru l-ispejjeż.

## 16.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 09 /2025

15.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 09/2025 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mis-sindku Vella. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsilliera Cassar Sultana. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 16.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

16.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil-2.58pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal it-Tnejn 20 ta’ Ottubru fil-1.30pm.

Konfermati, illum 20 ta’ Ottubru 2025

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jeanette Grima<br>Segretarju Eżekuttiv |